MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2010

Numru 1166/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**KURT SULTANA**
**DORCELL PACE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Kurt Sultana ta’ 19-il sena, iben Nazzareno u Josette nee’ Grima, imwieled Pieta’ nhar il-31 ta’ Otttubru 1989, residenti fil-fond ‘Josren’ Triq Mater Boni Consilii, Fgura u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 525289(M); Dorcell Pace ta’ 25 sena, bint Anthony u Carmen nee’ Vella imwielda Pieta’ fl-24 ta’ April 1984, residenti fil-fond 95, ‘Osprey’ Triq Hal Edwin, Zebbug u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 214684(M).

Illi huma akkuzati t-tnejn flimkien talli:

Nhar it-8 ta’ Marzu, 2009, f’San Giljan, ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu, kkommettew serq ta’ *hand-bag* kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti u apparat cellulari tal-marka Samsung, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta’ Amanda Scerri;

Illi Kurt Sultana akkuzat wahdu talli:

Fil-perijodu ta’ bejn ix-xhur ta’ Frar u Marzu 2009, f’San Giljan f’xi hin bil-lejl, ikkommetta serq ta’ *hand-bag* kontenenti diversi oggetti fosthom ‘digital camera’ tal-marka Kodak, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.3) u dawk ta’ l-imputati (a fol.12 u 13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat Kurt Sultana (fol.13);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat, Kurt Sultana, zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Kurt Sultana, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446, tqieghed lill-imputat Kurt Sultana taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa netta ta' l-imputat Kurt Sultana, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas u radt lura dak kollu illi huwa seraq fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------